# *QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA*

**SEDE CIVILI**

## *MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.*

**Avviz Nru: 336/1998**

**Anthony Fabri ghal Untours Agents and Brokers Limited u din ghall-Qafar Insurance Company Limited kif surrogati fid-drittijiet ta' Anthony muscat u l-istess Anthony Muscat**

**Vs**

**Jacqueline Rolo**

***Illum 27 ta' Lulju 2001,***

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghal-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas rispettivament is-somma ta' Lm138.10c u Lm35 danni sofferti insegwitu ghal incident stradali (jew somma verjuri li tillikwida il-Qorti occorendo bl-opera ta' periti nominandi) li gara l-Imsida fit-22 ta' Gunju 1999 bejn il-car Skoda Nru CAC446 ta' Anthony Muscat u l-car Hyundai Nru FAD 616 mill-konvenuta misjuqa. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabli ghal incident u danni. L-istanti Anthony Fabri noe hallas in vista a comprehension policy of insurance favur l-attur l'iehor.

Bl-ispejjez komprizi Lm10.50 ta' ittra u konsult ta' dawk tal-ittra ufficjali tal-llum lill-assikuratur tal-konvenuta ai termini tal-Kap 104 u tal-imghax n-notifika tal-avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Jacqueline Rolo fejn eccepiet:

1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti in kwantu tal-konvenuta, effetivament qatt ma kienet involuta f'incident mal-vettura tal-attur tal-marka Skoda numru ta' registrazzjoni CAC 446 fid-data indikata u ghalhekk ma tistax tinzamm responsabli u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza.
2) Bl-ispejjes

Rat il-verbal tal-4 ta' Novembru 1999 fejn il-konvenuta eccepiet in-nuqqas ta' responsabilita`.

Rat il-verbal tat-13 ta' Jannar 2000 fejn il-konvenuta iddikjarat li l-kontestazzjoni tirrigwarda biss ir-responsabilita`. U mhux il-quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-process.

**Ikkunsidrat:-**

Illi l-attur Anthony Muscat li qieghed jibbaza l-allegazzjoni tieghu li kienet il-konvenuta illi kkwazat id-danni fuq il-vettura tieghu, abbazi tal-fatt illi fuq il-vettura tal-konvenuta kien hemm danni ohra li kienu jidhru li gew kkawzati minn incident awtomobilistiku li kien avvera ruhu fi zmien ricenti u minhabba il-fatt illi fuq il-vettura tal-istess konvenuta kien hemm ukoll marka taz-zebgha li hija simili hafna ghaz-zebgha tal-karozza tal-istess Muscat u dan gie wkoll kkonfermat mix-xhud PS 429 Mark Schembri.

Pero minn naha l'ohra il-konvenuta waslet ghal prova illi ftit sighat qabel ma l-attur Muscat skopra d-danni fuq il-vettura tieghu, hija kienet involuta f'incident kompletament separat ma' vettura ohra li hija propjeta` ta' certu Guido Psaila u li kienet misjuqa minn Stephen Psaila u din il-vettura kellha l-kulur taghha wkoll wine red u kulur ghalhekk simili ghal kulur tal-vettura ta' Muscat li jirrizulta mid-deposizzjoni ta' PS 429 Mark Schembri li kien ta' kulur maroon.

In oltre ix-xhud prodott mill-konvenuta Rolo ossia Anthony Garzia jiddikjara illi l-girfa fuq il-karozza tal-attur Muscat kienet f'posizzjoni li ma taqbilx ma' fejn kien hemm marka ta' zebgha maroon fuq il-vettura ta' Rolo.

Ghaldaqstant stante dawn ic-cirkostanzi divergenti issib illi l-atturi ma waslux ghal prova necessarja biex din il-Qorti tista` tikkonkludi illi setghet kienet il-konvenuta illi kkawwzat il-hsara fuq il-vettura tal-attur Muscat.

Ghaldaqstant tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

………………………………………
Magt Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

A. Farrugia
Dep.Reg